SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

tat-18 ta' Diċembru 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għoti ta' kuntratti pubbliċi – Kuntratti mħallta li jinvolvi aspetti relatati mad-difiża – Servizzi direttament marbuta ma' tagħmir militari – Direttiva 2009/81/KE – Direttiva 2014/24/UE – Determinazzjoni tad-direttiva applikabbli – Kriterji tal-għoti ta' kuntratt – It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 67(2) – Projbizzjoni tal-użu tal-prezz bħala l-uniku kriterju tal-għoti – Proporzjonalità – Kuntratti pubbliċi għal servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema"

Fil-Kawża C-769/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Diċembru 2023, fil-proċedura

Mara Soc. coop. arl

vs

Ministero della Difesa,

Gruppo Samir Global Service Srl

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn C. Lycourgos (Relatur), President tal-Awla, O. Spineanu-Matei, S. Rodin, N. Piçarra u N. Fenger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: R. Norkus,

Reġistratur: G. Chiapponi, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' April 2025,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Mara Soc. coop. arl, minn A. Clarizia, M. Pagliarulo u P. Ziotti, avvocati,

– għal Gruppo Samir Global Service Srl, minn L. Tozzi, avvocato,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

– għall-Gvern Taljan, minn S. Fiorentino u G. Palmieri, bħala aġenti, assistiti minn C. Pluchino, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Franċiż, minn R. Bénard, B. Fodda u M. Guiresse, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Biz, L. Malferrari u G. Wils, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 u 56 TFUE, tal-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, u rettifiki fil-ĠU 2015, L 275, p. 68, fil-ĠU L, 2023/90063, u fil-ĠU L, 2025/90115), kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1952 tal-10 ta' Novembru 2021 (ĠU 2021, L 398, p. 23) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2014/24"), kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, Mara Soc. coop. arl u, min-naħa l-oħra, il-Ministero della Difesa (il-Ministeru għad-Difiża, l-Italja) u Gruppo Samir Global Service Srl (iktar 'il quddiem "Samir") dwar l-għoti ta' kuntratt għal servizzi għall-bżonnijiet tal-armata Taljana.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2009/81/KE

3 Il-premessi 4, 6 sa 9, 16, 17, 20 u 27 tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2009, L 216, p. 76).

> "(4) Il-ħolqien ta' Suq Ewropew tat-Tagħmir tad-Difiża huwa stabbilit permezz ta' qafas leġislattiv addattat. Fil-qasam tal-kuntratti, dan jeħtieġ koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu ssodisfatti ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Istati Membri u l-obbligi li jirriżultaw mit-Trattat.
>
> [...]

(6) Il-koordinazzjoni aħjar tal-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti, pereżempju għal kuntratti li jirrigwardjaw is-servizzi tal-loġistika, it-trasportazzjoni u l-magazzinaġġ ukoll għandha l-potenzjal li tnaqqas l-ispejjeż fis-settur tad-difiża u li tnaqqas b'mod sinifikanti l-impatt ambjentali tas-settur.

(7) Dawn il-proċeduri għandhom jirriflettu l-approċċ globali tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sigurtà, li jissodisfa l-evoluzzjonijiet tal-ambjent strateġiku. Fil-fatt, il-feġġ ta' theddid asimetriku u transnazzjonali wassal biex jiċċajpru l-limiti bejn sigurtà esterna u interna, militari u mhux militari.

(8) It-tagħmir tad-difiża u s-sigurtà huwa vitali kemm għas-sigurtà u s-sovranità tal-Istati Membri kif ukoll għall-awtonomija tal-Unjoni Ewropea. B'riżultat ta' dan, l-akkwisti ta' oġġetti u ta' servizzi fis-settur tad-difiża u s-sigurtà huma ta' sikwit ta' natura sensittiva.

(9) Din tirriżulta f'rekwiżiti speċifiċi, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà tal-provvista u tas-sigurtà tal-informazzjoni. Dawn ir-rekwiżiti jikkonċernaw b'mod partikolari x-xiri ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra, kif ukoll is-servizzi u x-xogħlijiet direttament marbuta, intiżi għall-forzi armati [...]

[...]

(16) [...] [L]-għoti ta' kuntratti li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu eżentati minn dan tal-aħħar fejn dan ikun iġġustifikat minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew ikun meħtieġ għall-ħarsien ta' interessi essenzjali tas-sigurtà ta' Stat Membru. Dan jista' jkun il-każ fir-rigward ta' kuntratti fl-oqsma kemm tad-difiża u kif ukoll tas-sigurtà li jeħtieġu rekwiżiti ta' sigurtà tal-provvista tant onerużi, jew li huma tant kunfidenzjali u/jew importanti għas-sovranità nazzjonali, li anke d-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-Direttiva ma jkunux biżżejjed biex jissalvagwardjaw l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri [...]

(17) Madankollu, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, il-possibbiltà li jsir rikors għal eċċezzjonijiet bħal dawn għandha tkun interpretata b'mod li l-effetti tagħhom ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi leġittimi li dawk l-Artikoli tat-Trattat huma ntiżi li jissalvagwardjaw. Għalhekk, in-non applikazzjoni ta' din id-Direttiva trid tkun proporzjonali għall-għanijiet li jridu jinkisbu waqt li xxekkel mill-inqas possibbli l-moviment liberu tal-merkanzija, u l-libertà tal-provvista ta' servizzi.

[...]

(20) [...]

Barra minn hekk, [it-]Trattat jipprovdi lill-Istati Membri l-possibbiltà li jeżentaw kuntratti fl-oqsma kemm tad-difiża u kif ukoll tas-sigurtà mir-regoli ta' din id-Direttiva jekk l-applikazzjoni tagħha tobbligahom jagħtu informazzjoni li l-iżvelar tagħha jikkunsidrawh li jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom. Dan jista' jkun il-każ partikolarment jekk il-kuntratti jkunu tant sensittivi li l-eżistenza biss tagħhom għandha tinżamm sigrieta.

[...]

(27) Fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà, xi kuntratti huma tant sensittivi li ma jkunx xieraq li tiġi applikata din id-Direttiva, minkejja l-ispeċifiċità tagħha. Dan ikun il-każ fir-rigward ta' kuntratti mogħtija mis-servizzi sigrieti, jew kuntratti għal kull tip ta' attivitajiet tas-servizzi sigrieti, inklużi l-attivitajiet tal-kontrospjunaġġ, kif definiti mill-Istati Membri. Huwa l-każ ukoll għal xiri ieħor partikolarment sensittiv li jeħtieġ livell estremament għoli ta' kunfidenzjalità, bħal, pereżempju, ċertu xiri maħsub għall-ħarsien tal-fruntieri jew għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jew il-kriminalità organizzata, xirjiet relatati mal-'encryption', jew xirjiet maħsub speċifikament għal attivitajiet li jsiru bil-moħbi jew attivitajiet ugwalment sensittivi mwettqa mill-forzi tal-pulizija u tas-sigurtà."

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dawn id-definizzjonijiet għandhom japplikaw:

(1) 'Vokabularju komuni tal-Akkwist [għall-kuntratti pubbliċi]' (Common Procurement Vocabulary, CPV): tfisser in-nomenklatura ta' referenza applikabbli għall-kuntratti mogħtija minn awtoritajiet/entitajiet kontraenti, kif adottata mir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabularju Komuni għall-Akkwist (CPV) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 5, p. 3)];

[...]

(6) 'Tagħmir militari' tfisser tagħmir speċifikament iddisinjat jew adattat għal skopijiet militari, maħsub biex jintuża bħala arma, munizzjon jew materjal tal-gwerra;

[...]"

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi:

"[...] [D]in id-Direttiva għandha tapplika għall-kuntratti mogħtija fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà li għandhom bħala għan:

(a) il-forniment ta' apparat militari, kif ukoll ta' kwalunkwe parti, komponent u/jew muntaġġ tagħhom;

(b) il-forniment ta' apparat sensittiv, kif ukoll ta' kwalunkwe parti, komponent u/jew muntaġġ tagħhom;

(ċ) xogħlijiet, provvista u servizzi direttament relatati mat-tagħmir imsemmi fil-punti (a) u (b) għall-elementi kollha jew parti minnhom taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

(d) xogħlijiet u servizzi speċifikament għal skopijiet militari, jew xogħlijiet sensittivi u servizzi sensittivi."

6 L-Artikolu 3 tal-istess direttiva, bit-titolu "Kuntratti mħallta", jipprevedi:

"1. Kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu xogħlijiet, provvista jew servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u parzjalment fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma,

l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19)] jew tad-Direttiva 2004/18/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132)] għandhom jingħataw bi qbil ma' din id-Direttiva, sakemm l-għoti ta' kuntratt singolu ikun ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi.

[...]

(3) Id-deċiżjoni li jingħata kuntratt singolu ma tistax, madankollu, tittieħed biex teskludi kuntratti milli japplikaw din id-Direttiva, jew id-Direttiva 2004/17/KE jew id-Direttiva 2004/18/KE."

7 L-Anness I tad-Direttiva 2009/81, bit-titolu " Servizzi msemmija fl-artikoli 2 u 15", jelenka għoxrin kategorija ta' servizzi, fosthom l-għaxar kategorija, imsejħa "Servizzi ta' transport ta' appoġġ u awżiljarji", jinkludi n-numri ta' referenza CPV 63100000-0 sa 63111000-0, 63120000-6 sa 63121100-4, 63122000-0, 63512000-1 u 63520000-0 sa 6370000-6. Skont ir-Regolament Nru 2195/2002, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2008 tat-28 ta' Novembru 2007 (ĠU 2008, L 74, p. 1), in-numri ta' referenza CPV 63100000–0 u 63110000–3 jikkorrispondu, rispettivament, għas-"Servizzi tat-tqandil tal-merkanzija u tal-ħażna" u għas-"Servizzi tat-tqandil tal-merkanzija".

Id-Direttiva 2014/24

8 Il-premessi 89, 90 u 92 tad-Direttiva 2014/24 jipprovdu:

"(89) [...] Biex tiġi evitata l-konfużjoni bil-kriterji tal-għoti li attwalment hija magħrufa bħala 'l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża' fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE, għandha tintuża terminoloġija differenti biex jiġi kopert dak il-kunċett, 'l-aqwa bilanċ bejn prezz u kwalità'. Konsegwentement, għandha tiġi interpretata skont il-każistika [ġurisprudenza] marbuta ma' dawk id-Direttivi, ħlief fejn ikun hemm soluzzjoni materjalment differenti f'din id-Direttiva.

(90) Il-kuntratti għandhom jingħataw abbażi ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali, bil-ħsieb li jiġi żgurat tqabbil oġġettiv tal-valur relattiv tal-offerti sabiex jiġi determinat, f'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva, liema offerta hija l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Għandu jkun stabbilit b'mod espliċitu li l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża għandha tkun ivvalutata abbażi tal-aqwa bilanċ bejn prezz u kwalità, li dejjem għandu jinkludi element ta' prezz jew spiża. Għandu jkun iċċarat bl-istess mod li din il-valutazzjoni tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża għandha wkoll isseħħ abbażi tal-effettività tal-prezz jew il-kost-effettività biss. [...]

Sabiex tiġi mħeġġa orjentazzjoni akbar lejn il-kwalità tal-akkwist pubbliku, l-Istati Membri għandhom ikunu permessi jipprojbixxu jew jagħmlu restrizzjonijiet dwar l-użu tal-prezz biss jew il-kost biss biex tiġi vvalutata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża meta huma jqisu li dan ikun adatt.

[...]

[...]

(92) Meta jkunu qed jivvalutaw l-aqwa bilanċ bejn prezz u kwalità l-awtortajiet kontraenti għandhom jiddeterminaw il-kriterji ekonomiċi u kwalitattivi marbuta mas-suġġett tal-kuntratt li huma ser jużaw għal dak il-għan. Dawk il-kriterji għandhom għaldaqstant jippermettu valutazzjoni komparattiva tal-livell ta' prestazzjoni offrut minn kull offerta fid-dawl tas-suġġett tal-kuntratt, kif iddefinit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Fil-kuntest tal-aqwa bilanċ bejn prezz u kwalità, lista mhux eżawrjenti ta' kriterji possibbli tal-għoti li jinkludu aspetti ambjentali u soċjali stabbiliti f'din id-Direttiva. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiġu mħeġġa jagħżlu kriterji għall-għoti li jippermettulhom li jiksbu xogħlijiet, provvisti u servizzi ta' kwalità għolja li l-aktar li jixirqu l-ħtiġijiet tagħhom.

[...]."

9 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/24, bit-titolu "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar il-proċeduri għall-akkwist mill-awtoritajiet kontraenti fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi kif ukoll tal-kompetizzjonijiet ta' disinn, li l-valur tagħhom huwa stmat li mhuwiex inqas mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4."

10 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Akkwist imħallat [Kuntratti mħallta]", jipprovdi, fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 tiegħu:

"Fejn parti ta' kuntratt partikolari hija koperta mill-Artikolu 346 TFUE jew mid-Direttiva 2009/81/KE, l-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva għandu japplika."

11 Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24, bit-titolu "Ammonti tal-limitu stabbilit":

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-akkwisti [kuntratti] li l-valur stmat tagħhom barra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) huwa daqs jew aktar mil-limiti stabbiliti li ġejjin:

[...]

(b) EUR 140 000 għall-kuntratti ta' provvisti u ta' servizzi pubbliċi mogħtija minn awtoritajiet tal-gvern ċentrali u l-kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati minn awtoritajiet bħal dawn; [...]

[...]"

12 L-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Difiża u sigurtà", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, bl-eċċezzjoni tal-kuntratti li ġejjin:

(a) kuntratti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE

[...]."

13 L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/24, bit-titolu "Akkwist imħallat [Kuntratti mħallta] li jinvolvi aspetti ta' difiża jew sigurtà", jistipula:

"1. Fil-każ ta' kuntratti mħallta li għandhom bħala suġġett akkwist kopert minn din id-Direttiva kif ukoll akkwist kopert mill-Artikolu 346 TFUE jew mid-Direttiva 2009/81/KE dan l-Artikolu għandu japplika.

2. Fejn partijiet differenti ta' kuntratt pubbliku partikolari huma oġġettivament separabbli, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati jew jagħtu kuntratt uniku.

Fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati [differenti], id-deċiżjoni dwar liema reġim legali japplika għal kwalunkwe wieħed minn tali kuntratti separati għandha tittieħed abbażi tal-karatteristiċi tal-parti separata kkonċernata.

Fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt uniku, il-kriterji li ġejjin għandhom japplikaw biex jiddeterminaw ir-reġim legali applikabbli:

(a) fejn parti minn kuntratt partikolari hija koperta mill-Artikolu 346 TFUE, il-kuntratt jista' jingħata mingħajr l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dment li l-għoti ta' kuntratt uniku huwa ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi;

(b) fejn parti minn kuntratt partikolari hija koperta mill-Artikolu 2009/81/KE, il-kuntratt jista' jingħata f'konformità ma' dik id-Direttiva dment li l-għoti ta' kuntratt uniku jkun ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi. Dan il-punt għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-limiti u l-esklużjonijiet previsti minn dik id-Direttiva.

Id-deċiżjoni li jingħata kuntratt uniku m'għandhiex, madankollu, tittieħed bl-iskop li teskludi kuntratti mill-applikazzjoni jew ta' din id-Direttiva jew tad-Direttiva 2009/81/KE.

3. Il-punt (a) tat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu japplika għal kuntratti mħallta li għalihom kieku japplikaw il-punt (a) u l-punt (b) ta' dak is-subparagrafu.

4. Fejn partijiet differenti ta' kuntratt partikolari mhumiex oġġettivament separabbli, il-kuntratt jista' jingħata mingħajr l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fejn jinkludi l-elementi li għalihom japplika l-Artikolu 346 TFUE; inkella jista' jingħata f'konformità mad-Direttiva 2009/81/KE."

14 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2014/24, bit-titolu "Prinċipji tal-akkwist", jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw li fit-twettiq tal-kuntratti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tal-ambjent, soċjali u tax-xogħol elenkati fl-Anness X."

15 L-Artikolu 67 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Kriterji għall-għoti tal-kuntratt", jipprevedi:

"1. Mingħajr ħsara għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jikkonċernaw il-prezz ta' ċerti provvisti jew ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, l-awtoritajiet

kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fuq l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża.

2. Mill-perspettiva tal-awtorità kontraenti, l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża għandha tiġi identifikata abbażi tal-prezz jew l-ispiża, bl-użu ta' approċċ kost-effettiv, [...], u tista' tinkludi l-aħjar bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità, li għandu jiġi vvalutat abbażi ta' kriterji li jinkludu aspetti kwalitattivi, ambjentali u/jew soċjali marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. Dawn il-kriterji jistgħu jinkludu, pereżempju:

(a) il-kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibilità, id-disinjar għall-utenti kollha, il-karatteristiċi soċjali, ambjentali u dawk innovattivi u l-kummerċ u l-kondizzjonijiet tiegħu,

(b) l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt, fejn il-kwalità tal-persunal assenjat tista' tħalli impatt sinifikanti fuq il-livell tal-prestazzjoni tal-kuntratt; jew

(c) is-servizz ta' wara l-bejgħ u l-assistenza teknika, il-kondizzjonijiet ta' twassil bħad-data ta' twassil, il-proċess ta' twassil u l-perijodu ta' twassil jew il-perijodu ta' tlestija.

L-element ta' spiża jista' wkoll jieħu l-forma ta' prezz fissa jew spiża fissa li abbażi tagħhom l-operaturi ekonomiċi jikkompetu fuq il-kriterji ta' kwalità biss.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jużaw il-prezz biss jew l-ispiża biss bħala l-kriterju uniku għall-għoti jew jillimitaw l-użu tagħhom għal ċerti kategoriji ta' awtoritajiet kontraenti jew ċerti tipi ta' kuntratti.

3. Il-kriterji tal-għoti għandhom jitqiesu li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku fejn huma relatati max-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li għandhom jingħataw taħt dak il-kuntratt fi kwalunkwe aspett u fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi l-fatturi involuti:

(a) fil-proċessi speċifiċi tal-produzzjoni, il-provvista jew il-kummerċ ta' dawk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi; jew

(b) proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom,

anke fejn fatturi bħal dawn ma jagħmlux parti mis-sustanza materjali tagħhom.

4. Il-kriterji tal-għoti ma għandux ikollhom l-effett li jagħtu lill-awtorità kontraenti libertà mingħajr restrizzjonijiet għall-għażla. Huma għandhom jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva u għandhom jiġu akkumpanjati mill-ispeċifikazzjonijiet li jippermettu li l-informazzjoni mogħtija mill-offerenti tiġi vverifikata b'mod effettiv sabiex jiġi vvalutat kemm l-offerti jissodisfaw il-kriterji tal-għoti. [...]

[...]"

Id-dritt Taljan

16 L-Artikolu 50(1) tad-decreto legislativo n. 50 – Codice dei contratti pubblici (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 li jistabbilixxi Kodiċi għall-Kuntratti Pubbliċi) tat-18 ta' April 2016 (GURI Nru 91, tad-19 ta' April 2016, Suppliment Ordinarju Nru 10), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi"), jipprovdi:

"Għall-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni u kuntratti ta' xogħlijiet u ta' servizzi differenti minn dawk ta' natura intellettwali, b'mod partikolari dawk relatati ma' kuntratti li jirrikjedu ħafna ħaddiema, is-sejħiet għal offerti, l-avviżi tal-kuntratti u l-istediniet jinkludu, fl-osservanza tal-prinċipji tal-Unjoni Ewropea, klawżoli soċjali speċifiċi intiżi sabiex jippromwovu l-istabbiltà professjonali tal-persunal impjegat, li jipprevedu l-applikazzjoni mill-offerent rebbieħ tal-ftehimiet kollettivi settorjali [...] Is-servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema huma dawk fejn l-ispiża tal-ħaddiema hija mill-inqas 50 % tal-ammont totali tal-kuntratt."

17 L-Artikolu 95 tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi jipprevedi:

"1. Il-kriterji tal-għoti ma jagħtux lill-awtorità kontraenti setgħa ta' għażla mingħajr limitu fir-rigward tal-offerta. Huma għandhom jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva u għandhom jiġu akkumpanjati mill-ispeċifikazzjonijiet li jippermettu li l-informazzjoni mogħtija mill-offerenti tiġi vverifikata b'mod effettiv sabiex jiġi evalwat kemm l-offerti jissodisfaw il-kriterji tal-għoti. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jivverifikaw il-preċiżjoni tal-informazzjoni u tal-provi pprovduti mill-offerent.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi relatati mal-prezz ta' ċerti provvisti jew mar-remunerazzjoni għal servizzi speċifiċi, l-awtoritajiet kontraenti għandhom, fl-osservanza tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni u ta' trattament ugwali, għandhom jagħtu kuntratti u jorganizzaw kompetizzjonijiet u sejħiet għal proġetti fuq il-bażi tal-kriterju tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, li għandha tiġi determinata abbażi tal-aħjar bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità jew abbażi tal-element tal-prezz jew tal-ispiża, skont kriterju ta' tqabbil bejn l-ispejjeż u l-kosteffettività bħall-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja [...]

3. Għandhom jingħataw esklużivament abbażi tal-kriterju tal-offerta l-iktar vantaġġuża ekonomikament, iddeterminata abbażi tal-aħjar bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità:

(a) il-kuntratti dwar is-servizzi soċjali u s-servizzi tal-isptar, ta' kura u ta' catering fl-iskejjel, kif ukoll is-servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema, kif iddefiniti fl-Artikolu 50(1) bla ħsara għall-allokazzjonijiet skont l-Artikolu 36(2)(a);

(b) il-kuntratti relatati mal-għoti ta' servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura u ta' servizzi oħra ta' natura teknika u intellettwali ta' ammont ta' EUR 40 000 jew iktar;

b-bis) il-kuntratti għal servizzi u għal provvista ta' ammont ta' EUR 40 000 jew iktar ikkaratterizzati minn kontenut teknoloġiku importanti jew li huwa ta' natura innovattiva.

4. Il-kriterju tal-iktar prezz baxx jista' jiġi aċċettat:

[...]

(b) fil-każ ta' servizzi u provvisti li għandhom karatteristiċi standardizzati jew li l-kondizzjonijiet tagħhom huma definiti mis-suq, bl-eċċezzjoni ta' servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema kif imsemmi fil-punt 3(a)".

[...]."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

18 Fl-14 ta' Lulju 2022, il-Ministeru għad-Difiża nieda proċedura miftuħa għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi għall-bżonnijiet tal-armata Taljana li jikkonsistu, essenzjalment, f'operazzjonijiet ta' tagħbija u ta' ħatt, ta' assemblaġġ u ta' żmantellar ta' munzelli ta' materjal, kif ukoll ta' ċaqliq ta' materjal. Dan il-kuntratt, li kien jikkonċerna s-sena 2023 u li jista' jiġġedded għal tliet snin, kien maqsum f'disa' lottijiet.

19 Is-sejħa għal offerti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tipprevedi bħala kriterju ta' għoti tal-kuntratt dak tal-iktar prezz baxx, minħabba li s-servizzi koperti mill-imsemmi kuntratt kellhom karatteristiċi standardizzati, fis-sens tal-Artikolu 95(4) (b) tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi.

20 F'din is-sejħa għal offerti ġie ppreċiżat li, waqt l-eżekuzzjoni tal-istess kuntratt, il-pagi kellhom jitħallsu skont il-ftehim kollettiv tas-settur. Għalhekk, l-offerenti ma setgħux jipproponu tnaqqis fuq l-ispejjeż tal-ħaddiema. Kull tnaqqis eventwali kellu jirrigwarda esklużivament ir-remunerazzjoni tas-servizz, b'tali mod li l-ġest kummerċjali hekk propost inaqqas biss il-benefiċċju potenzjali tal-offerent u mhux is-salarji tal-persunal tiegħu.

21 Għal wieħed mill-lottijiet tal-kuntratt, li kien jikkonċerna l-provvista ta' servizzi għall-bżonnijiet tal-Aeronautica Militare area nord (il-Forza tal-Ajru, Żona tat-Tramuntana) u li kien — meqjusa eventwali tiġdidiet — ta' valur stmat ta' EUR 3 463 114.74, tliet offerenti, fosthom Mara u Samir, offrew tnaqqis ta' 100 % fuq ir-remunerazzjoni għas-servizzi tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ġie kkunsidrat li l-offerti ta' dawn it-tliet offerenti kienu ekwivalenti. Fl-aħħar mill-aħħar, dan il-lott ingħata lil Mara permezz ta' tlugħ bix-xorti.

22 Samir ippreżentat rikors kontra l-att tal-għoti tal-imsemmi lott quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja) fejn sostniet, b'mod partikolari, li l-applikazzjoni tal-kriterju tal-iktar prezz baxx kienet tmur kontra l-leġiżlazzjoni applikabbli.

23 Permezz ta' sentenza tal-11 ta' April 2023, dik il-qorti laqgħet dan ir-rikors, minħabba li s-sejħa għal offerti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellha, skont l-Artikolu 95(3)(a) tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi, tiffissa bħala kriterju ta' għoti tal-kuntratt dak tal-aħjar relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz. Peress li s-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jinvolvu ħafna ħaddiema, l-Artikolu 95(4)(b) ta' dan il-kodiċi, li jagħmel riferiment għall-kriterju tal-iktar prezz baxx għall-għoti tal-kuntratti għal servizzi u għal provvisti li għandhom karatteristiċi standardizzati, ma kellux jiġi applikat.

24 Mara appellat minn din is-sentenza quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), li hija l-qorti tar-rinviju.

25 Permezz tal-appell tagħha, Mara ssostni li t-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio) kisret l-Artikolu 95(3)(a) tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi. Fil-fehma tagħha, din id-dispożizzjoni ma tistax tapplika għal kuntratt, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, għalkemm jirrikjedi ħafna ħaddiema, għandu wkoll karatteristiċi standardizzati. L-awtorità kontraenti kienet iġġustifikata meta bbażat ruħha fuq l-Artikolu 95(4)(b) ta' dan il-kodiċi, billi ffissat bħala kriterju ta' għoti dak tal-iktar prezz baxx.

26 Fil-każ li l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) ikollu jqis li t-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio) kienet korretta meta mill-Artikolu 95 tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi ddeduċiet li l-kriterju tal-iktar prezz baxx ma jistax jintuża għall-għoti ta' kuntratti li jirrigwardaw servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema u li barra minn hekk għandhom karatteristiċi standardizzati, Mara ssostni li dan l-artikolu jikser id-dritt tal-Unjoni.

27 Ċertament, mid-Direttiva 2014/24 jirriżulta li din hija intiża, b'mod partikolari, sabiex tinkoraġġixxi l-użu tal-kriterju tal-aħjar relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz għall-għoti tal-kuntratti pubbliċi. Madankollu, billi impona fuq l-awtoritajiet kontraenti l-obbligu li jistabbilixxu dan il-kriterju ta' għoti anki meta l-kuntratt inkwistjoni jkollu karatteristiċi standardizzati, il-leġiżlatur Taljan mar lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan tad-Direttiva 2014/24 u, għalhekk, kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

28 Il-Qorti tar-rinviju tikkonstata li minn qari konġunt tal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi jirriżulta b'mod ċar li s-sejħa għal offerti relatata mal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellha, skont id-dritt Taljan fis-seħħ, tkun ibbażata fuq il-kriterju tal-aħjar relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz għall-għoti tiegħu.

29 Madankollu, dik il-qorti għandha dubji dwar l-utilità ta' dan il-kriterju għall-għoti ta' kuntratt għal servizzi li huma kkaratterizzati minn ripetittività għolja u li fil-parti l-kbira tagħhom ma għandhomx elementi personalizzabbli. Għal raġunijiet ta' ekonomija u ħeffa tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, il-kriterju tal-iktar prezz baxx jista' jkun iktar xieraq għal dan it-tip ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi b'karatteristiċi standardizzati.

30 L-imsemmija qorti tindika li s-seduta plenarja tagħha, li għandha l-kompetenza sabiex tistabbilixxi l-prinċipji tad-dritt, iddeċidiet, fis-sentenza Nru 8, mogħtija fl-21 ta' Mejju 2019, dwar ir-relazzjoni bejn il-paragrafu 3 u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi fis-sens li l-impożizzjoni tal-kriterju tal-aħjar relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz għall-għoti ta' kuntratti għal servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema hija intiża sabiex tipproteġi lill-ħaddiema u, għaldaqstant, li l-kuntratti li jirrikjedu ħafna ħaddiema, jiġifieri dawk li għalihom l-ispiża tax-xogħol tirrappreżenta mill-inqas nofs l-ammont totali tal-kuntratt, għandhom fi kwalunkwe każ jingħataw abbażi ta' dan il-kriterju, saħansitra anki meta jkollhom karatteristiċi standardizzati.

31 Issa, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-għan ta' protezzjoni tal-ħaddiema huwa, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, diġà milħuq bil-projbizzjoni li jiġi offrut tnaqqis fuq l-ispiża tal-ħaddiema.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment u ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi msemmija fl-Artikoli 49 u 56 (TFUE), kif ukoll il-prinċipju [tad-dritt tal-Unjoni] ta' proporzjonalità u l-Artikolu 67(2) tad-Direttiva [2014/24] jipprekludu l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi, bħal dawk li jinsabu fil-leġiżlazzjoni Taljana fl-Artikolu 95(3)(a), u 4(b) [tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi], kif ukoll fl-Artikolu 50(1) tal-istess [kodiċi], u bħal dawk li jirriżultaw mill-prinċipju tad-dritt stabbilit mill-Assemblea Plenarja tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) fis-sentenza Nru 8 tal-21 ta' Mejju 2019, li tipprovdi li, fil-każ ta' kuntratti pubbliċi li jikkonċernaw servizzi b'karatteristiċi standardizzati u li jirrikjedu, fl-istess waqt, ħafna ħaddiema, l-awtorità kontraenti hija pprojbita milli tipprovdi, bħala kriterju għall-għoti, dak tal-irħas prezz, anki meta r-regoli tal-għoti tal-kuntratt jipprevedu li t-tnaqqis għandu jsir biss fuq ir-remunerazzjoni jew il-profitt potenzjali tal-impriża, bla ħsara għall-ispejjeż tal-ħaddiema?' "

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

33 Skont l-Artikolu 62(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar għamlet mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-partijiet u lill-partijiet interessati l-oħra dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81 u tad-Direttiva 2014/24. Mara, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni Ewropea wieġbu għal dawn il-mistoqsijiet permezz ta' osservazzjonijiet ippreżentati rispettivament fis-26 ta' Novembru 2024, fid-19 ta' Novembru 2024 u fl-20 ta' Novembru 2024.

Fuq id-domanda preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

34 Fl-osservazzjonijiet tagħhom ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-partijiet fil-kawża prinċipali u l-Gvern Taljan ippreċiżaw li s-servizzi koperti mill-kuntratt pubbliku inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkonċernaw, parzjalment, it-tqandil tal-merkanzija komposta minn munizzjon u minn splussivi. Issa, dawn l-oġġetti jikkostitwixxu tagħmir militari, fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/81.

35 F'dan ir-rigward, dawn is-servizzi jistgħu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tiegħu, ikunu "direttament relatati mat-tagħmir [militari]", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) ta' din id-direttiva. Fil-fatt, il-provvista ta' servizzi ta' tqandil tal-merkanzija — li jaqgħu, skont in-numri ta' referenza CPV iċċitati fil-punt 7 ta' din is-sentenza, taħt l-għaxar kategorija ta' servizzi msejħa "Servizzi ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarji" imsemmija fl-Anness I tal-imsemmija direttiva — tista' tinvolvi l-aċċess fiżiku għat-tagħmir militari li jinsab f'din il-merkanzija, kif ukoll l-aċċess għal ċerta informazzjoni sensittiva relatata ma' dan it-tagħmir.

36 Fid-dawl tan-natura sensittiva, enfasizzata fil-premessi 8 u 9 tad-Direttiva 2009/81, tax-xiri ta' oġġetti u ta' servizzi fil-qasam tad-difiża, din id-direttiva tistabbilixxi qafas leġiżlattiv speċifiku. Il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi f'dan il-qasam għandha, hekk kif jirriżulta mill-premessi 4, 6 u 7 tal-imsemmija direttiva, tissodisfa r-rekwiżiti ta' sigurtà, filwaqt li tippermetti, barra minn hekk, li jitnaqqsu l-ispejjeż, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda s-servizzi loġistiċi jew ta' trasport u ta' ħażna.

37 Minħabba din l-ispeċifiċità, l-għoti ta' kuntratti pubbliċi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2009/81 huwa, skont l-Artikolu 15(1)(a) tad-Direttiva 2014/24, eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva msemmija l-aħħar.

38 F'dan il-każ, il-partijiet fil-kawża prinċipali u l-Gvern Taljan enfasizzaw li hija biss parti mill-merkanzija li hija s-suġġett tas-servizzi ta' tqandil inkwistjoni li tinkludi tagħmir militari, fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/81, filwaqt li l-merkanzija l-oħra tinkludi oġġetti li għalkemm huma ċertament intiżi għall-armata Taljana, madankollu ma humiex iddisinjati jew adattati għal finijiet militari. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju, il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jiġi kklassifikat bħala "imħallat", fis-sens li dan fl-istess ħin jirrigwarda kemm xiri li jaqa' taħt id-Direttiva 2009/81 kif ukoll xiri li jaqa' taħt id-Direttiva 2014/24.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li kemm l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/81 kif ukoll l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/24 jinkludu d-dispożizzjonijiet intiżi għad-determinazzjoni tad-direttiva applikabbli għal tali kuntratti mħallta.

40 Il-portati rispettiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet huma parzjalment diverġenti. B'mod partikolari, għalkemm l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/81 jimponi, bħala prinċipju, fuq l-awtorità kontraenti l-obbligu li tapplika din id-direttiva għal dawn il-kuntratti mħallta, l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/24 jipprevedi biss possibbiltà, taħt ċerti kundizzjonijiet, li d-Direttiva 2009/81 tiġi applikata għal tali kuntratti.

41 Fil-fatt, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/81 jipprevedi li kuntratt li għandu bħala suġġett xogħlijiet, provvisti jew servizzi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81 u parzjalment taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18, li issa ġiet issostitwita bid-Direttiva 2014/24, għandu jingħata konformement mad-Direttiva 2009/81, bil-kundizzjoni li jiġi ssodisfatt kemm ir-rekwiżit, stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, jiġifieri li l-għoti ta' kuntratt uniku għandu jkun iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi, kif ukoll il-kundizzjoni, stabbilita fil-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, li d-deċiżjoni li jingħata kuntratt uniku ma titteħidx bl-għan li l-kuntratt ikkonċernat jiġi eskluż mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/24.

42 L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/24, min-naħa tiegħu, jagħmel distinzjoni bejn il-kuntratti mħallta li l-partijiet differenti tagħhom huma "oġġettivament separabbli" jew "mhumiex oġġettivament separabbli".

43 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kuntratti mħallta li l-partijiet differenti tagħhom "mhumiex oġġettivament separabbli", l-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2014/24 jipprovdi li tali kuntratt "jista' jingħata mingħajr l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fejn jinkludi l-elementi li għalihom japplika l-Artikolu 346 TFUE" u li, "inkella jista' jingħata f'konformità mad-Direttiva [2009/81]".

44 L-ewwel każ, li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 346 TFUE, huwa, fid-dawl tal-premessi 16, 17, 20 u 27 tad-Direttiva 2009/81, irriżervat għas-sitwazzjonijiet fejn l-għoti tal-kuntratt inkwistjoni jeħtieġu rekwiżiti ta' sigurtà jew ta' kunfidenzjalità tant oneruži li anki d-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-direttiva ma jkunux biżżejjed biex jissalvagwardjaw l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istat Membru kkonċernat. Issa, ebda element tal-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jissuġġerixxi li tali sitwazzjoni teżisti f'dan il-każ, punt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

45 Fit-tieni każ, li jirrigwarda l-kuntratti mħallta li jinkludu partijiet li ma humiex oġġettivament separabbli li għalihom l-Artikolu 346 TFUE ma huwiex applikabbli, l-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2014/24 jippermetti, iżda ma jeżiġix, li l-għoti tal-kuntratt inkwistjoni jitwettaq konformement mad-Direttiva 2009/81 u għalhekk iħalli f'idejn l-awtorità kontraenti l-għażla dwar jekk tagħtix dan il-kuntratt skont is-sistema stabbilita minn din id-direttiva jew skont is-sistema stabbilita mid-Direttiva 2014/24.

46 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-kuntratti mħallta li l-partijiet differenti tagħhom huma "oġġettivament separabbli", l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2014/24 jippermetti li l-awtorità kontraenti tagħti jew kuntratti separati għal dawn il-partijiet differenti, fejn id-direttiva applikabbli għal kull kuntratt tkun għalhekk iddeterminata abbażi tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, jew li tagħti kuntratt uniku, li jibqa' għalhekk "imħallat".

47 Madankollu, meta l-awtorità kontraenti tagħżel li tapplika d-Direttiva 2009/81 għal dan il-kuntratt uniku, id-deċiżjoni tagħha li ma tagħtix kuntratti separati għandha, skont il-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-imsemmi Artikolu 16(2), tkun "ġustifikat[a] għal raġunijiet oġġettivi". Min-naħa l-oħra, dan ir-rekwiżit ma huwiex previst meta l-awtorità kontraenti tagħżel li tagħti kuntratt uniku billi tapplika d-Direttiva 2014/24.

48 Barra minn hekk, skont ir-raba' subparagrafu tal-istess Artikolu 16(2), id-deċiżjoni li jingħata kuntratt uniku minkejja l-eżistenza ta' partijiet mill-kuntratt oġġettivament separabbli "m'għandhiex [...] tittieħed bl-iskop li teskludi kuntratti mill-applikazzjoni [tad-Direttiva 2014/24] jew tad-Direttiva [2009/81]".

49 Dan ir-rekwiżit, kuntrarjament għal dak imsemmi fil-punt 47 ta' din is-sentenza, huwa applikabbli wkoll fil-każ fejn il-kuntratt uniku jkun ingħata b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24. Għaldaqstant meta, minn naħa, inkwistjoni jkun hemm rekwiżit ta' *bona fide* min-naħa tal-awtorità kontraenti, u meta, min-naħa l-oħra, din ma għandiex ixxejjen l-effett utli tar-rekwiżit li jinsab fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2014/24, għandu jitqies li r-rekwiżit li jinsab fir-raba' subparagrafu tal-imsemmi Artikolu 16(2) jinkiser meta, fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha, ikun jidher li d-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti li tikkonkludi kuntratt uniku tista' tiġi spjegata biss mir-rieda ta' din l-awtorità kontraenti li tevita l-applikazzjoni kemm tad-Direttiva 2009/81, kif ukoll dik tad-Direttiva 2014/24.

50 Ir-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet bejn id-Direttiva 2009/81 u d-Direttiva 2014/24 stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-direttiva msemmija l-aħħar huma iktar reċenti u, barra minn hekk, iktar iddettaljati minn dawk li jinsabu fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/81. L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/24 jesprimi, għaldaqstant, ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni fid-data tal-adozzjoni ta' din id-direttiva u għandu jiġi applikat għad-detriment tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/81, li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 39 u 40 tal-konklużjonijiet tiegħu, għandu portata differenti, iżda għandu jitqies li ma għadux validu għaliex issostitwit mill-iżvilupp leġiżlattiv magħmul mid-Direttiva 2014/24.

51 Skont l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern Taljan quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Ministeru għad-Difiża kkunsidra li għalkemm il-partijiet differenti tal-kuntratt għal servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu, ċertament, oġġettivament separabbli, madankollu dawn kellhom, minħabba t-tqandil fl-istess ħin tal-merkanzija, jitqiesu bħala li jifformaw parti minn suq uniku li kellu jingħata b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24.

52 Kif ġie indikat fil-punt 47 ta' din is-sentenza, f'tali każ, il-kundizzjoni stipulata fil-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2014/24, li tipprovdi li d-deċiżjoni li jingħata kuntratt uniku għandha tkun "ġustifikat[a] għal raġunijiet oġġettivi", ma tapplikax. Min-naħa l-oħra, tapplika l-kundizzjoni stabbilita fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 16(2) ta' din id-direttiva, li tipprovdi li din id-deċiżjoni ""m'għandhiex [...] tittieħed bl-iskop li teskludi kuntratti mill-applikazzjoni [tal-imsemmija direttiva] jew tad-Direttiva [2009/81]".

53 Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħdha twettaq l-eżami tad-domanda magħmula, li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24, biss bla ħsara għall-verifika minn qabel, mill-qorti tar-rinviju, li ma kienx hemm, f'dan il-każ, ksur tar-rekwiżit li jinsab fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 16(2) ta' din id-direttiva.

Fuq l-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24 u fuq il-prinċipju ta' proporzjonalità

54 Id-domanda magħmula, kif ifformulata mill-qorti tar-rinviju, tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 u 56 TFUE, tal-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24 kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

55 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li din id-domanda hija intiża sabiex tippermetti li l-qorti tar-rinviju tevalwa l-kompatibbiltà ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi mad-dritt tal-Unjoni. Issa, huwa paċifiku li dan il-kodiċi jittrasponi, fid-dritt Taljan, id-Direttiva 2014/24.

56 It-tieni nett, mill-fatti ppreżentati fit-talba għal deċiżjoni preliminari u miġbura fil-qosor fil-punt 21 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-valur stmat tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqbeż il-limitu previst fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva sabiex din tkun applikabbli.

57 Fl-aħħar, it-tielet nett, minn din it-talba jirriżulta li s-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali jirrigwarda l-possibbiltà prevista fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 67(2) tal-imsemmija direttiva li jiġi pprojbit l-użu tal-"prezz [...] bħala l-kriterju uniku għall-għoti" tal-kuntratt — il-kriterju tal-"iktar prezz baxx" skont it-termini użati mill-qorti tar-rinviju — kif ukoll l-obbligu tal-Istati Membri li josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità fil-każ tal-eżerċizzju ta' din il-possibbiltà.

58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa kemm neċessarju kif ukoll suffiċjenti li d-domanda preliminari tiġi eżaminata fid-dawl tad-Direttiva 2014/24 u tal-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, Asmel, C-3/19, EU:C:2020:423, punti 44 sa 48).

59 Minn dan isegwi li għandu jiġi kkunsidrat li, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24 kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-każ ta' kuntratti pubbliċi li għandhom bħala suġġett servizzi li għandhom karatteristiċi standardizzati iżda li minn tal-inqas nofs il-valur totali tagħhom huwa kompost minn spejjeż ta' ħaddiema, l-awtorità kontraenti hija pprojbita milli tuża l-prezz bħala l-kriterju uniku għall-għoti ta' dawn il-kuntratti, anki fil-każijiet fejn is-sejħa għal offerti tipprevedi li kull tnaqqis eventwali offrut minn offerent għandu jsir biss fuq ir-remunerazzjoni ta' dawn is-servizzi, mingħajr ma jkun jista' jwassal għal tnaqqis fir-remunerazzjoni tal-ħaddiema impjegati minn dan l-offerent.

60 Kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, is-servizzi ta' tqandil li huma s-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom "karatteristiċi standardizzati", fis-sens tal-leġiżlazzjoni Taljana, peress li dawn is-servizzi jikkonsistu f'kompiti ripetittivi u mhux tekniċi wisq. Dik il-qorti tikkonstata wkoll li dawn il-kompiti huma fil-parti l-kbira tagħhom manwali, b'tali mod li s-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali "jirrikjedu ħafna ħaddiema", fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, jiġifieri li l-ispejjeż tal-ħaddiema jirrappreżentaw mill-inqas nofs l-ammont totali tal-kuntratt.

61 Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kuntratti pubbliċi li jirrigwardaw tali servizzi jevitawx il-possibbiltà, mogħtija lill-Istati Membri mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24, li jipprojbixxu l-użu tal-prezz bħala l-kriterju uniku għall-għoti ta' dawn il-kuntratti, għandu qabel kollox jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni ma tillimitax il-possibbiltà li hija tipprevedi għal kuntratti relatati ma' tipi preċiżi ta' oġġetti jew ta' servizzi u li hija ma tinkludi ebda eċċezzjoni jew deroga minn din il-possibbiltà. B'mod iktar ġenerali, din ma tissuġġettax il-possibbiltà tal-projbizzjoni tal-użu tal-prezz bħala l-kriterju uniku għall-għoti ta' kuntratt għas-sodisfazzjon ta' xi kundizzjoni. Għalhekk, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 46 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni jirriżulta li din tagħti setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri.

62 L-eżistenza ta' din is-setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni hija kkorroborata mill-istruttura tal-Artikolu 67 ta' din id-direttiva, ikkunsidrat fit-totalità tiegħu.

63 Fil-fatt, dan l-artikolu jeżiġi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li l-awtoritajiet kontraenti jibbażaw ruħhom, sabiex jagħtu l-kuntratti pubbliċi, fuq l-offerta l-iktar vantaġġuża ekonomikament. Huwa jippreċiża, fil-paragrafu 2 tiegħu, li din l-offerta għandha tiġi ddeterminata skont approċċ ibbażat fuq il-kosteffettività, u jipprevedi espliċitament, fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-possibbiltà li l-imsemmija offerta tiġi ddeterminata abbażi tal-aħjar relazzjoni bejn il-prezz u l-kwalità.

64 L-għażla ta' dan l-approċċ timplika l-iffissar ta' kriterji ta' għoti li ma jinkludux biss il-prezz iżda wkoll aspetti kwalitattivi marbuta mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku kkonċernat. Sabiex dawn l-aspetti kwalitattivi jitqiesu li huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku, huwa biżżejjed, konformement mal-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, li dawn ikunu relatati max-xogħlijiet, mal-provvisti jew mas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti taħt dan il-kuntratt fi kwalunkwe aspett u fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

65 Għalhekk, minn qari globali tal-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/24 jirriżulta li l-istabbiliment, minn Stat Membru, ta' projbizzjoni għall-awtoritajiet kontraenti li jużaw il-prezz bħala l-kriterju uniku għall-għoti ta' kuntratt pubbliku bl-ebda mod ma għandu l-effett li jintroduċi, fl-implementazzjoni ta' din id-direttiva, eċċezzjoni fir-rigward ta' regola ta' portata differenti. L-uniku effett tal-eżerċizzju, minn Stat Membru, tal-possibbiltà prevista fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu huwa dak li, fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, il-possibbiltà mogħtija mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu 2 lill-awtoritajiet kontraenti li jużaw kriterji li jinkludu aspetti kwalitattivi, tiġi ssostitwita bl-obbligu impost fuq dawn l-awtoritajiet li fis-sejħiet għal offerti jintegraw kriterju wieħed jew iktar ta' dan it-tip.

66 Is-setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni li l-Istati Membri għandhom fl-użu ta' din il-possibbiltà hija kkorroborata wkoll mill-għan tad-Direttiva 2014/24. Kif jirriżulta mill-premessi 89, 90 u 92 ta' din id-direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jassoċja l-kunċett ta' "l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża" b'mod predominanti ma' dak ta' "l-aħjar relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz". Filwaqt

li ppreċiża li, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, l-awtoritajiet kontraenti jibqgħu liberi li jużaw il-prezz jew l-ispiża bħala l-kriterju uniku għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li kien neċessarju, sabiex jiffavorixxu l-għoti ta' kuntratti pubbliċi iktar orjentati lejn il-kwalità, li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jipprojbixxu jew jillimitaw l-użu tal-prezz jew tal-ispiża bħala l-kriterju uniku għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratt pubbliku. Huwa qies li kien neċessarju, barra minn hekk, li l-awtoritajiet kontraenti jiġu mħeġġa jagħżlu kriterji għall-għoti ta' kuntratti li jippermettulhom li jiksbu xogħlijiet, provvisti jew servizzi ta' kwalità għolja li idealment ikunu jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tagħhom.

67 F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' proporzjonalità, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, dan jeżiġi li r-regoli stabbiliti mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet kontraenti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24 ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva (sentenzi tat-30 ta' Jannar 2020, Tim, C-395/18, EU:C:2020:58, punt 45, u tas-6 ta' Ottubru 2021, Conacee, C-598/19, EU:C:2021:810, punt 42).

68 L-eżerċizzju tal-possibbiltà prevista fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24 ikun jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità jekk Stat Membru jiddeċiedi li jipprojbixxi l-użu tal-prezz jew tal-ispiża bħala l-kriterju uniku għall-għoti għal tip ta' kuntratti pubbliċi li n-natura tagħhom tkun tali li jirriżulta impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jiġu ddeterminati kriterji li jippermettu li ssir differenzjazzjoni, mill-perspettiva kwalitattiva, bejn ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi previsti fl-offerti tal-offerenti.

69 F'dan il-każ, regola bħal dik stabbilita mil-leġiżlatur Taljan, li tipprovdi li l-kuntratti pubbliċi li jirrigwardaw servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema għandhom, anki jekk ikollhom "karatteristiċi standardizzati", jingħataw abbażi tal-kriterju tal-offerta li hija l-iktar vantaġġuża ekonomikament skont l-aħjar relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz, tidher li hija, minkejja l-fatt li din ir-regola tirrigwarda servizzi li min-natura tagħhom ma tantx huma tekniċi, kompatibbli ma' din id-direttiva u mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

70 Fil-fatt, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tiegħu, diversi aspetti kwalitattivi, bħall-organizzazzjoni u l-esperjenza tal-persunal assenjat għall-eżekuzzjoni ta' tali servizzi jista' jkollhom influwenza fuq il-kwalità tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti u, konsegwentement, fuq il-valur ekonomiku tal-offerti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, la huwa impossibbli u lanqas ma huwa eċċessivament diffiċli li ssir differenzjazzjoni, mill-perspettiva kwalitattiva, bejn is-servizzi previsti fl-offerti tal-offerenti.

71 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkonfutata mill-fatt li l-awtoritajiet kontraenti, li jkunu d-destinatarji ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom l-obbligu li jintegraw, fis-sejħiet għal offerti tagħhom, ir-regola li kull tnaqqis eventwali offrut minn offerent għandu jirrigwarda biss ir-remunerazzjoni tas-servizzi pprovduti minn dan l-offerent u mhux ir-remunerazzjoni tal-ħaddiema li dan jimpjega. Peress li hija prevista mil-liġi, din il-projbizzjoni li jiġi offrut tnaqqis li jista' jwassal għal tnaqqis fir-remunerazzjoni tal-ħaddiema għandha tiġi osservata b'mod ugwali mill-offerenti kollha. Peress li tali projbizzjoni ma tippermettix li l-offerti jiġu pparagunati, jibqa' neċessarju, fid-dawl tal-Artikolu 67(4) tad-Direttiva 2014/24 li, moqri flimkien mal-premessa 90 ta' din id-direttiva, jeżiġi l-iffissar ta' kriterji ta' għoti li jiggarantixxu l-possibbiltà ta' kompetizzjoni ġenwina u għalhekk paragun tal-offerti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, Montte, C-546/16, EU:C:2018:752, punt 31), li l-għoti jiġi bbażat fuq kriterji, li ma humiex relatati mal-imsemmija

projbizzjoni, li jippermettu paragun tal-offerti. Kif jirriżulta mill-punt preċedenti ta' din is-sentenza, l-iffissar ta' kriterji bbażati fuq aspetti kwalitattivi jista' jkun xieraq għal dan l-għan u għalhekk ma jistax jitqies li huwa sproporzjonat.

72 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24 kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-każ ta' kuntratti pubbliċi li għandhom bħala suġġett servizzi li għandhom karatteristiċi standardizzati iżda li minn tal-inqas nofs il-valur totali tagħhom huwa kompost minn spejjeż ta' ħaddiema, l-awtorità kontraenti hija pprojbita milli tuża l-prezz bħala l-kriterju uniku għall-għoti ta' dawn il-kuntratti. F'dan ir-rigward ma huwiex rilevanti l-fatt li s-sejħa għal offerti tipprevedi li kull tnaqqis eventwali offrut minn offerent għandu jsir biss fuq ir-remunerazzjoni ta' dawn is-servizzi, mingħajr ma jkun jista' jwassal għal tnaqqis tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema impjegati minn dan l-offerent.

Fuq l-ispejjeż

73 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 67(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-każ ta' kuntratti pubbliċi li għandhom bħala suġġett servizzi li għandhom karatteristiċi standardizzati iżda li minn tal-inqas nofs il-valur totali tagħhom huwa kompost minn spejjeż ta' ħaddiema, l-awtorità kontraenti hija pprojbita milli tuża l-prezz bħala l-kriterju uniku għall-għoti ta' dawn il-kuntratti. F'dan ir-rigward ma huwiex rilevanti l-fatt li s-sejħa għal offerti tipprevedi li kull tnaqqis eventwali offrut minn offerent għandu jsir biss fuq ir-remunerazzjoni ta' dawn is-servizzi, mingħajr ma jkun jista' jwassal għal tnaqqis tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema impjegati minn dan l-offerent.

Firem